



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7254/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0043 (NLE)

COASI 57
ASIE 25
POLMAR 15

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi sottokumitat dwar il-kooperazzjoni marittima u li tadotta it-termini ta' referenza tiegħu

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt
stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi sottokumitat
dwar il-kooperazzjoni marittima u li tadotta it-termini ta' referenza tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) u l-Artikoli 207 u 209 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjon bejn l-Unjoni Ewropea u l-Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra¹ ('il-Ftehim'), ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2414² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2018.
- (2) Skont l-Artikolu 48 tal-Ftehim, ġie stabbilit Kumitat Konġunt u huwa inkarigat, *inter alia*, bl-implimentazzjoni tal-Ftehim. Skont l-Artikolu 48(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt irid jistabbilixxi sottokumitati speċjalizzati li jistgħu jassistuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. Il-Kumitat Konġunt jiddetermina l-kompożizzjoni u d-dmirijiet ta' tali sottokumitati u kif jiffunzjonaw. Kemm l-Unjoni kif ukoll il-Filippini esprimew interess fit-twaqqif ta' sottokumitat dwar il-kooperazzjoni marittima sabiex jiġi ffaċilitat djalogu ddedikat dwar l-aspetti kollha tal-kooperazzjoni marittima bejn l-Unjoni u l-Filippini.

¹ ĠU L 343, 22.12.2017, p. 3.

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2414 tal-25 ta' Settembru 2017 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra (ĠU L 343, 22.12.2017, p. 1).

- (3) Il-Kumitat Konġunt irid jadotta permezz ta' proċedura bil-miktub, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-regoli ta' proċedura tiegħu, deċiżjoni li tistabbilixxi sottokumitat dwar il-kooperazzjoni marittima u li tadotta t-termini ta' referenza tiegħu.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi sottokumitat dwar il-kooperazzjoni marittima u li tadotta t-termini ta' referenza tiegħu, peress li dik id-Deċiżjoni ser tkun vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 48 tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi sottokumitat dwar il-kooperazzjoni marittima bejn l-UE u l-Filippini u li tadotta it-termini ta' referenza tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.
2. Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet żgħar fl-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mir-rappreżentanti tal-Unjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha..

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
